2024/2998

4.12.2024

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/2998**

**tal-5 ta' Novembru 2024**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li temenda l-Appendiċijiet III u IIIa ta' dik il-Konvenzjoni dwar l-adeżjoni tal-Georgia**

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu [1] (il-"Konvenzjoni") ġiet konkluża permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/415/KEE [2] u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1988.

(2) Skont l-Artikolu 15(3)(a) tal-Konvenzjoni, il-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 14 ta' dik il-Konvenzjoni (il-"Kumitat Konġunt UE-CTC") għandu jadotta l-emendi tal-Appendiċijiet III u IIIa tal-Konvenzjoni bid-deċiżjonijiet.

(3) Il-Georgia esprimiet ix-xewqa li taderixxi mal-Konvenzjoni, u ġiet mistiedna tagħmel dan mill-Kumitat Konġunt UE-CTC.

(4) L-adeżjoni tal-Georgia ser ikollha bżonn l-adattament tad-dokumenti ta' garanzija previsti mit-Titolu II tal-Konvenzjoni, kif ukoll l-inserzjoni ta' ċerti termini tekniċi bil-lingwa tal-Georgia fil-Konvenzjoni.

(5) L-Istati Membri kollha tal-Unjoni esprimew l-opinjoni pożittiva tagħhom rigward l-emendi li ġew proposti fil-Grupp ta' Ħidma tal-UE- u l-Pajjiżi ta' Tranżitu Komuni dwar it-tranżitu komuni stabbilit permezz tal-Artikolu 17 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt UE-CTC.

(6) Billi d-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt UE-CTC ser temenda l-Konvenzjoni, jixraq li din tiġi ppubblikata *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tagħha.

(7) Fi ħdan il–Kumitat Konġunt UE-CTC, l-Unjoni trid tiġi rappreżentata mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant il-pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-emenda proposta jenħtieġ li tkun imsejsa fuq l-abbozz tad-deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-laqgħa tal-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu (il-"Kumitat Konġunt UE-CTC") rigward l-emendi għall-Appendiċijiet III u IIIa ta' dik il-Konvenzjoni, għandha tkun imsejsa fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt UE-CTC mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt UE-CTC jistgħu jaqblu dwar bidliet żgħar fl-abbozz tad-deċiżjoni mingħajr ebda deċiżjoni oħra tal-Kunsill.

(1) ĠU L 226, tat-13.8.1987, p. 2.
(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/415/KEE tal-15 ta' Ġunju 1987 dwar il-konklużjoni ta' Konvenzjoni bejn il-Komunità Ewropea, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Repubblika tal-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Renju tal-Iżvezja u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar proċedura komuni ta' tranżitu (ĠU L 226, 13.8.1987, p. 1).

*Artikolu 2*

Wara l-adozzjoni tagħha, id-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt UE-CTC imsemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Novembru 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

VARGA M.